# META' BEKA' GESU'

Dawn huma t-tlett okazzjonijiet li fihom Gesu' beka fil-Bibbja.

Meta Gesu' sar bniedem huwa ha fuqu n-natura umana u haddan l-emozzjonijiet kollha li l-bnedmin jesperjenzjaw fil-hajja. Dan jidher car fil-vangelju meta l-awturi juru lil Gesu' fi stat ta' emozzjonijiet ta' ferh, rabja u niket.

Partikolarment hemm tlett okazzjonijiet fejn Gesu' beka' fil-Bibbja.

## 1. GESU' BEKA' META RA L-UGIGH F'DAWK LI HUWA KIEN IHOBB

*32Meta Marija waslet fejn kien Ġesù u ratu nxteħtet f'riġlejh,*
*tgħidlu: "Mulej, kieku kont hawn, ħija ma kienx imut." 33Ġesù,*
*kif ra lilha tibki u l-Lhud, li ġew magħha, jibku wkoll, ħass ruħu*
*mqanqal u tħawwad ħafna. 34"Fejn qegħedtuh?" staqsiehom.*
*Huma weġbuh: "Mulej, ejja u ara." 35U Ġesù beka.*
*36Għalhekk il-Lhud qalu: "Ara kemm kien iħobbu!" 37Iżda xi*



*wħud minnhom qalu: "Ma setax dan il-bniedem, li fetaħ għajnejn l-agħma, jagħmel ukoll li dan ma jmutx?" (mill-vangelu ta' San Gwann)*

F'dan l-episodju Gesu' beka' wara li lemah lil dawk li kien ihobb kienu qed jikbu ghat-telfa ta' huhom Lazzru. U wara li ra wkoll il-qabar ta' Lazzru, habib tal-qalb tieghu. Ghandu jfakkarna fl-imhabba li Alla ghandu ghalina, ulied addottivi tieghu u kemm qalbu tinghafas

ghalina meta jarana nbatu. Gesu' juri kompassjoni vera u jsoffri ma' hbiebu, filwaqt li jikbi meta jara din ix-xena ta' qsim il-qalb. Madankollu hemm xaqq ta' dawl fid-dlamijiet u Gesu' jdawwar id-dmugh tad-dieqa fi dmugh ta' ferh hekk kif huwa jqajjem lil Lazzru mill-mewt.

## 2, GESU' JIKBI FUQ GERUSALEM



*4Ġerusalemm! Ġerusalemm! Int li toqtol il-profeti u tħaġġar il-messaġġiera li jibgħatlek Alla; kemm ridt niġbor lil uliedek bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles tagħha taħt ġwenħajha, u int ma ridtx! (mill-vangelu ta'San Luqa)*

*41Wasal qrib il-belt u, kif raha, beda jibkiha 42u jgħid: "Mhux li għaraft imqar int ukoll f'dan il-jum x'inhu ta' ġid għalik! Imma issa! Dan hu moħbi minn għajnejk! 43Għax għad jiġi żmien fuqek meta l-għedewwa tiegħek idawruk b'rampa u jagħlquk minn kullimkien u jrossu fuqek minn kull naħa;*

*44u jġarrfu lilek u lil uliedek fik, u ma jħallux fik ġebla fuq oħra, talli ma għaraftx iż-żmien taż-żjara li saritlek!" ! (mill-vangelu ta' San Luqa)*

Gesu' jara l-belt ta' Gerusalem, u d-dehra taghha tbikkih. Dan ghaliex jara d-dnubiet ta' l-imghoddi u l-futur, u haga bhal din tiksirlu qalbu. Bhala missier li jhobb, Alla jobghod jarana nitbieghdu minnu u jixtieq hafna li mill-gdid ihaddanna ma' qalbu. Madankollu ahna nirrifjutaw din it-tghannieqa tieghu u nippreferu li nimxu fi triqtna. Dnubietna jbikku lil Gesu' imma, l-ahbar it-tajba hija li Gesu' dejjem jistenniena biex jilqaghna ghandu u dan jaghmlu b'dirghjh miftuha.

Aktar tard, wara li Gesu' kien diga' tela' is-sema, precizament 40 sena wara, fis-sena 70AD sehhet il-qerda ta' Gerusalem. F'dik is-sena l-armata rumana mmexxija mill-general Titu, aktar tard imperatur, temm

il-qerda ta' Gerusalem. Dan habbru Kristu lin-nisa ta' Gersualem waqt li kien tiela bis-salib fi triqtu lejn il-kalvarju meta qalilhom biex ma jikbux lilu, izda lilhom infushom u lil uliedhom.

3 GESU' JIKBI FIL-GNIEN TAZ-ZEBBUG.



*7Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima tiegħu lejn Alla. (mill-ittra lill-Lhud kap 5)*

Ghalkemm mhux imnizzel fil-vangelu li meta kien f'agunija fil-gnien taz-zebbug li Gesu' beka', hija haga ragonevoli li wiehed jikkonkludi li Gesu' xerred id-dmugh matul dan il-mument kritiku u l-aktar wiehed difficli fil-ministeru tieghu..

Kif inhu mnizzel fl-ittra lil Lhud, f'dan il-kaz id-dmugh huwa marbut mat-talb awtentiku li jaccetta Alla. Filwaqt li mhux dejjem necessarju l-biki waqt it-talb, juri car u tond ir-realta' li Alla jixtieq qalb sobieghna. Irid li t-talb taghna jkun espressjoni ta' min ahna u mhux semplicement xi haga superficjali. Fi kliem iehor , it-talb ghandu juri min ahna anke jekk hemm bzonn nitlobu bl-emozzjonijiet filwaqt li nhallu lil Alla jidhol f'kull aspett ta' hajjitna.